PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2235(INI)

7.1.2009

EMENDI
1 - 127

Abbozz ta' rapport
Martine Roure
(PE419.969v01-00)

dwar l-implimentazzjoni, fl-Unjoni Ewropea, tad-Direttiva 2003/9/KE li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil: żjarat tal-Kumitat LIBE mill-2005 sal-2008
(2008/2235(INI))

Emenda 1
Giusto Catania,

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 7 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' April 2005 dwar Lampedusa;

Or. it

Emenda 2
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 7 b (ġdida)

Mozzjonifor a resolution	*Emenda*
	– having regard to its resolution of 4 April 2006 on the situation of refugee camps in Malta;

Or. it

Emenda 3
Martine Roure

Mozzjonifor a resolution
Citation 7 c (new)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

- wara li kkunsidra l-proposta għat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva li tistabbilixxu l-istandards minimi għall-akkoljenza ta' min ikun qed ifittex il-kenn fl-Istati Membri (COM(2008)0815) u l-proposta għar-reviżjoni tar-Regolament ta' Dublin II Regulation (COM (2008)0820), sottomessa flimkien mill-Kummissjoni fit-3 ta' Diċembru 2008,

Or. fr

Emenda 4
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Inċiż 7 d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza ta' min qed ifittex il-kenn (Imfassla mill-ġdid) (COM (2008)0815)

Or. en

Emenda 5
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi d-Direttiva 2003/9/KE tapplika għal min qed ifittex il-kenn u r-refuġjati;

Or. en

Emenda 6
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi d-drittijiet fundamentali, bħad-dritt li wieħed jgħix fid-dinjità, il-protezzjoni tal-ħajja tal-familha, l-aċċess għall-kura tas-saħħa u d-dritt ta' appell, għandhom ikunu garantiti l-ħin kollu;

Or. en

Emenda 7
Frieda Brepoels

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzzjoni	*Emenda*
B. wara li kkunsidra li d-Direttivi Akkoljenza u Proċedura jimponu li l-Istati Membri jipprovdu lil dak li jfittxu l-kenn informazzjoni ***bil-miktub*** dwar id-drittijiet tagħhom, kif ukoll dwar l-organizzazzjonijiet li jiżguraw assistenza; u li huwa primittiv għal dawk li jfittxu l-kenn u għall-immigranti ***- minħabba l-kumplessità tal-proċeduri u tal-iskadenzi qosra -*** b'mod partikolari għall-każijiet ta' proċedura aċċelerata **-** li jibbenifikaw minn kunsill ġuridiku adegwat, li jkollhom aċċess għal interpretu u li jirċievu d-deċiżjonijiet li jikkonċernawhom b'lingwa li jifhmu,	B. wara li kkunsidra li d-Direttivi Akkoljenza u Proċedura jimponu li l-Istati Membri jipprovdu lil dak li jfittxu l-kenn informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, kif ukoll dwar l-organizzazzjonijiet li ji żguraw assistenza; u li huwa primittiv għal dawk li jfittxu l-kenn u għall-immigranti b'mod partikolari għall-każijiet ta' pro ċedura aċċelerata **-** li jibbenifikaw minn kunsill ġuridiku adegwat, li jkollhom aċċess għal interpretu u li jirċievu ***traduzzjoni ta***d-deċiżjonijiet li jikkonċernawhom b'lingwa li jifhmu,

Or. nl

Emenda 8
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. wara li kkunsidra li d-Direttivi Akkoljenza u Proċedura jimponu li l-Istati Membri jipprovdu lil dak li jfittxu l-kenn informazzjoni bil-miktub dwar id-drittijiet tagħhom, kif ukoll dwar l-organizzazzjonijiet li jiżguraw assistenza; u li huwa primittiv għal dawk li jfittxu l-kenn ***u għall-immigranti*** - minħabba l-kumplessità tal-proċeduri u tal-iskadenzi qosra - b'mod partikolari għall-każijiet ta' proċedura aċċelerata - li jibbenifikaw minn kunsill ġuridiku adegwat, li jkollhom aċċess għal interpretu u li jirċievu d-deċiżjonijiet li jikkonċernawhom b'lingwa li jifhmu,	B. wara li kkunsidra li d-Direttivi Akkoljenza u Proċedura jimponu li l-Istati Membri jipprovdu lil dak li jfittxu l-kenn informazzjoni bil-miktub dwar id-drittijiet tagħhom, kif ukoll dwar l-organizzazzjonijiet li jiżguraw assistenza; u li huwa primittiv għal dawk li jfittxu l-kenn - minħabba l-kumplessità tal-proċeduri u tal-iskadenzi qosra - b'mod partikolari għall-ka żijiet ta' proċedura aċċelerata - li jibbenifikaw minn kunsill ġuridiku adegwat, li jkollhom aċċess għal interpretu ***fejn ne ċessarju*** u li jirċievu d-deċiżjonijiet li jikkonċernawhom b'lingwa li ***huma mistennija b'mod raġonevoli li*** jifhmu,

Or. en

Emenda 9
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi huwa li jkunu stabbiliti regoli ċari, definiti sew u mhux ambigwi għall-akkoljenza u t-trattament ta' min qed ifittex il-kenn skond ir-regoli stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra, filwaqt li g ħandha tkun magħmula distinzjoni bejn min qed ifittex il-kenn, migranti ekonomi ċi u refuġjati temporanji,

Or. en

Emenda 10

Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi s-sitwazzjoni tal-applikanti għall-ażil u/jew protezzjoni internazzjonali hija sostanzjalment differenti minn dik tal-immigranti li laħqu l-Istati Membri b'mod illegali,

Or. es

Emenda 11
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D b (ġdida)

Mozzjonifor a resolution	*Emenda*
	Db. Billi d-Direttiva ta' Akkoljenza 2003/9/KE tas- 27 ta' Jannar tapplika għal min qed ifittex il-kenn u r-refuġjati, i żda billi f'ħafna miċ'ċentri miżjura dawk li qed ifittxu il-kenn u migranti irregolari huma miżmuma fl-istess bini; billi kul ħadd, ikun x'ikun l-istat tiegħu, għandu jkun garantit ċertu drittijiet fundamentali bħad-dritt li jgħix b'dinjità, il-protezzjoni tal-ħajja tal-familja, aċċess għall-kura tas-saħħa u d-dritt għal rikors effettiv kontra d-detenzjoni skond il-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali,

Or. fr

Emenda 12
Jean Lambert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. Billi mhux l-Istati Membri kollha ju żaw ċentri ta' akkoljiment għal dawk kollha li jfittxu l-ażil jew ħafna minnhom, bi preferenza għall-alternattivi bbażati fil-komunità u billi l-Kumitat LIBE għadu ma nvestigax dak l-aspett tal-prattika tal-Istati Membri,

Or. en

Emenda 13
Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. wara li kkunsidra li matul iż-żjarat ***tag ħhom***, id-deputati qalu diversi drabi li l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni ma kinux tollerabbli mill-perspettiva tal-iġjene, tal-promiskwità, tat-tagħmir disponibbli, u li l-persuni detenuti ma kinux jiġu informati sistematikament dwar ir-raġunijiet tad-detenzjoni tagħhom, dwar id-drittijiet tag ħhom u dwar l-istat ta' avvanz tal-każijiet tagħhom,	F. wara li kkunsidra li matul ***xi*** żjarat, id-deputati qalu diversi drabi***, fejn dan kien neċessarju minħabba l-kundizzjonijiet ta' livell baxx f'ċentru partikoli,*** li l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni ma kinux tollerabbli mill-perspettiva tal-iġjene, tal-promiskwità, tat-tagħmir disponibbli, u li l-persuni detenuti ma kinux jiġu informati sistematikament dwar ir-raġunijiet tad-detenzjoni tagħhom, dwar id-drittijiet tag ħhom u dwar l-istat ta' avvanz tal-każijiet tagħhom,

Or. es

Emenda 14
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. wara li kkunsidra li matul iż-żjarat tag ħhom, id-deputati qalu diversi drabi li l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni ma kinux tollerabbli mill-perspettiva tal-iġjene, tal-promiskwità, tat-tagħmir disponibbli, u li l-persuni detenuti ma kinux jiġu informati sistematikament dwar ir-raġunijiet tad-detenzjoni tagħhom, dwar id-drittijiet tag ħhom u dwar l-istat ta' avvanz tal-każijiet tagħhom,	F. wara li kkunsidra li matul iż-żjarat tag ħhom, id-deputati qalu diversi drabi li l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni ma kinux tollerabbli mill-perspettiva ***tas-saħħa u*** tal-iġjene, tal-promiskwità, tat-tagħmir disponibbli, u li l-persuni detenuti ma kinux jiġu informati sistematikament dwar ir-raġunijiet tad-detenzjoni tagħhom, dwar id-drittijiet tagħhom u dwar l-istat ta' avvanz tal-każijiet tagħhom,

Or. it

Emenda 15
Javier Moreno Sánchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. wara li kkunsidra li matul iż-żjarat tag ħhom, id-deputati qalu diversi drabi li l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni ma kinux tollerabbli mill-perspettiva tal-iġjene, tal-promiskwità, tat-tagħmir disponibbli, u li l-persuni detenuti ma kinux jiġu informati sistematikament dwar ir-raġunijiet tad-detenzjoni tagħhom, dwar id-drittijiet tag ħhom u dwar l-istat ta' avvanz tal-każijiet tagħhom,	F. wara li kkunsidra li matul iż-żjarat tag ħhom, id-deputati qalu diversi drabi li l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni ***f'xi ċentri*** ma kinux tollerabbli mill-perspettiva tal-iġjene, tal-promiskwità, tat-tagħmir disponibbli, u li l-persuni detenuti ma kinux jiġu informati sistematikament dwar ir-raġunijiet tad-detenzjoni tagħhom, dwar id-drittijiet tag ħhom u dwar l-istat ta' avvanz tal-każijiet tagħhom,

Or. fr

Emenda 16
Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Fa. billi d-detenzjoni hija miżura amministrattiva li hija differenti mid-detenzjoni kriminali,

Or. es

Emenda 17
Frieda Brepoels

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi ħafna mill-kummenti f'din ir-riżoluzzjoni ma japplikawx neċessarjament għaċ-ċentri tal-ażil kollha miżjura u għalhekk ma japplikawx għall-pajjiżi kollha,

Or. nl

Emenda 18
Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jiddispjaċieh li ***ż-***żjarat li saru wrew li d-Direttivi attwali kienu għadhom qegħdin ji ġu applikati ħażin, jew mhux applikati ***xejn***, ***mill-***Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura t-traspożizzjoni u l-ħarsien tad-Direttivi;	1. Jiddispjaċieh li ***xi*** żjarat li saru wrew li d-Direttivi attwali kienu għadhom qegħdin ji ġu applikati ħażin, jew ***ma kinux qed jiġu*** applikati, ***minn xi*** *Stati* Membri; jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura t-traspożizzjoni u l-ħarsien tad-Direttivi;

Or. es

Emenda 19
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jiddispjaċieh li ż-żjarat li saru wrew li d-Direttivi attwali kienu għadhom qegħdin ji ġu applikati ħażin, jew mhux applikati xejn, mill-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura t-traspożizzjoni u l-ħarsien tad-Direttivi;	1. Jiddispjaċieh li ż-żjarat li saru wrew li d-Direttivi attwali kienu għadhom qegħdin ji ġu applikati ħażin, jew mhux applikati xejn, mill-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura t-traspożizzjoni u l-ħarsien tad-Direttivi ***mhux biss formalment***;

Or. it

Emenda 20
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jiddispjaċieh li ż-żjarat li saru wrew li d-Direttivi attwali ***kienu*** għadhom qegħdin ji ġu applikati ħażin, jew mhux applikati xejn, ***mill***-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura t-traspożizzjoni u l-ħarsien tad-Direttivi;	1. Jiddispjaċieh li ż-żjarat li saru wrew li d-Direttivi attwali għadhom qegħdin jiġu applikati ħażin, jew mhux applikati xejn, ***minn numru ta'*** Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura t-traspożizzjoni u l-ħarsien tad-Direttivi;

Or. en

Emenda 21
Javier Moreno Sánchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1. Jiddispjaċieh li ż-żjarat li saru wrew li d-Direttivi attwali kienu għadhom qegħdin ji ġu applikati ħażin, jew mhux applikati xejn, ***mill***-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura t-traspożizzjoni u l-ħarsien tad-Direttivi;	1. Jiddispjaċieh li ż-żjarat li saru wrew li d-Direttivi attwali kienu għadhom qegħdin ji ġu applikati ħażin, jew mhux applikati xejn, ***f'xi*** *Stati* Membri; jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura t-traspożizzjoni u l-ħarsien tad-Direttivi;

Or. fr

Emenda 22
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali għandhom ikunu applikati dejjem u irrilevanti mill-istat taċ-ċittadin tal-pajjiż terz involut; g ħalhekk ma jistax jaċċetta li persuna mhix trattat skond dan minħabba l-unika raġuni li hu jew hi huwa/hija immigrant irregolari;

Or. en

Emenda 23
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

2. Jikkundanna ***l-poter sinifikanti u diskrezzjonali li ngħata lill-Istati Membri permezz tad-Direttiva 2003/9/KE, b'mod partikolari rigward il-livell u l-forma ta' kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza u l-aċċess għall-impjieg u l-kura tas-saħħa, għad-detriment tal-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri;***	2. Jikkundanna ***n-numru ta' nuqqasijiet rigward il-livell tal-kundizzjonijiet ta' akkoljiment li bażikament jirriżultaw mill-fatt li d-Direttiva 2003/9/KE preżentament tippermetti lill-Istati Membri marġni wiesa' ta diskrezzjoni rigward l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ta' akkoljiment fuq livell nazzjonali; g ħaldaqstant jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni COM (2008)0815;***

Or. en

Emenda 24
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jikkundanna l-poter sinifikanti u diskrezzjonali li ngħata lill-Istati Membri permezz tad-Direttiva 2003/9/KE, b'mod partikolari rigward il-livell u l-forma ta' kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza u l-a ċċess għall-impjieg u l-kura tas-saħħa, g ħad-detriment tal-***armonizzazzjoni*** tal-leġi żlazzjoni tal-Istati Membri;	2. Jikkundanna l-poter sinifikanti u diskrezzjonali li ngħata lill-Istati Membri permezz tad-Direttiva 2003/9/KE, b'mod partikolari rigward il-livell u l-forma ta' kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza u l-a ċċess għall-impjieg u l-kura tas-saħħa, g ħad-detriment tal-***armonizzazzjoni 'l fuq*** tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri;

Or. it

Emenda 25
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

2a. Jesprimi s-sodisfazzjoni tiegħu dwar il-proposti tal-Kummissjoni għat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva 2003/9/KE, u jilqa l-fatt li l-għan iddikjarat huwa li jiżgura standards ogħla għal trattament ta' dawk li qed ifittxu l-kenn sabiex jiżgura standard diċenti tal-għajxien u biex jippermetti armonizzazzjoni ikbar tar-regoli nazzjonali li jirregolaw il-kondizzjonijiet tal-akkoljiment;

Or. fr

Emenda 26
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 2 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jesprimi s-sodisfazzjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni li tkabbar l-iskop tad-Direttiva 2003/9/KE biex tkopri l-protezzjoni sussidjarja sabiex tiżgura li l-istess livell ta' drittijiet japplika għall-forom kollha tal-protezzjoni internazzjonali;

Or. fr

Emenda 27
Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

3. Jistieden lill-Istati Membri sabiex juru solidarjetà ikbar mal-pajjiżi li huma l-aktar milqutin mill-immigrazzjoni, li ma tillimitax ruħha għal solidarjetà teknika u/jew finanzjarja; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistudja l-possibiltà ta' proposta ta' strument Ewropew ***ta' skambju ta' spejjeż***, ***sabiex tiżgura effiċjenza aħjar għall-***Istati Membri u livell għoli ta' protezzjoni ***għal dawk li jfittxu l-kenn***;	3. Jistieden lill-Istati Membri sabiex juru solidarjetà ikbar mal-pajjiżi li huma l-aktar milqutin mill-immigrazzjoni, li ma tillimitax ruħha għal solidarjetà teknika u/jew finanzjarja; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistudja l-possibiltà ta' proposta ta' strument Ewropew ***ta' solidarjetà immirat biex jipprovdi soljev mill-piż impost min-numru għoli ta' refuġjati li huma akkoljati mill-***Istati Membri ***bi fruntieri esterni, li jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' rispett għax-xewqat ta' dawk li jfittxu l-kenn*** u ***jkun jipprovdi*** livell għoli ta' protezzjoni;
	Or. es

Emenda 28
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Istati Membri sabiex juru solidarjetà ikbar mal-pajjiżi li huma l-aktar milqutin mill-immigrazzjoni, li ma tillimitax ruħha għal solidarjetà teknika u/jew finanzjarja; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistudja l-possibiltà ta' proposta ta' strument Ewropew ta' skambju ta' spejjeż, sabiex tiżgura effiċjenza aħjar għall-Istati Membri u livell għoli ta' protezzjoni għal dawk li jfittxu l-kenn;	3. Jistieden lill-Istati Membri sabiex juru solidarjetà ikbar mal-pajjiżi li huma l-aktar milqutin mill-immigrazzjoni, li ma tillimitax ruħha għal solidarjetà teknika u/jew finanzjarja; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistudja l-possibiltà ta' proposta ta' strument Ewropew ta' skambju ta' spejjeż, sabiex tiżgura effiċjenza aħjar għall-Istati Membri u livell għoli ta' protezzjoni għal dawk li jfittxu l-kenn ***u l-migranti***;
	Or. it

Emenda 29
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi sistema ta' żjarat u ta' spezzjoni permanenti; jixtieq li l-Kumitat LIBE jkompli biż-żjarat tiegħu sabiex jiżgura l-ħarsien tal-liġi Komunitarja rigward il-kondizzjonijiet ta' kenn;	4. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi sistema ta' żjarat u ta' spezzjoni permanenti; jixtieq li l-Kumitat LIBE jkompli biż-żjarat tiegħu sabiex jiżgura l-ħarsien tal-liġi Komunitarja rigward il-kondizzjonijiet ta' kenn ***u ż-żamma ta' dibattitu annwali dwar ir-riżultati ta' dawn iż-żjarat; f'seduta plenarja tal-Parlament Ewropew;***

Or. fr

Emenda 30
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi sistema ta' żjarat u ta' spezzjoni permanenti; jixtieq li l-Kumitat LIBE jkompli biż-żjarat tiegħu sabiex jiżgura l-ħarsien tal-liġi Komunitarja rigward il-kondizzjonijiet ta' kenn;	4. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi ***b'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew,*** sistema ta' żjarat u ta' spezzjoni permanenti; jixtieq li l-Kumitat LIBE jkompli biż-żjarat tiegħu sabiex jiżgura l-ħarsien tal-liġi Komunitarja rigward il-kondizzjonijiet ta' kenn;

Or. en

Emenda 31
Jean Lambert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

4. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi sistema ta' żjarat u ta' spezzjoni permanenti; jixtieq li l-Kumitat LIBE jkompli biż-żjarat tiegħu sabiex jiżgura l-ħarsien tal-liġi Komunitarja rigward il-kondizzjonijiet ta' kenn;	4. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi sistema ta' żjarat u ta' spezzjoni permanenti; jixtieq li l-Kumitat LIBE jkompli biż-żjarat tiegħu sabiex jiżgura l-ħarsien tal-liġi Komunitarja rigward il-kondizzjonijiet ta' kenn ***u l-proċeduri ta' ritorn skond id-Direttiva tar-Ritorn;***

Or. en

Emenda 32
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jiddispjaċieh li l-kapaċità taċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa mwaqqfa minn ċerti Stati Membri hija waħda limitata u tidher li ma tikkorrispondix ***għall-***ħtiġijiet;	5. Jiddispjaċieh li l-kapaċità taċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa mwaqqfa minn ċerti Stati Membri hija waħda limitata u tidher li ma tikkorrispondix ***għal*** ħtiġijiet ***tal-migranti***;

Or. it

Emenda 33
Frieda Brepoels

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-kenn ***u tal-immigranti*** tingħata prijorità fiċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa***, iqis li dawk li jfittxu l-kenn huma partikolarment vulnerabbli u m'għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri privati tal-libertà***;	6. Jitlob li l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-kenn tingħata prijorità fiċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa;

Or. nl

Emenda 34
Jean Lambert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti tingħata prijorità fiċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa, iqis li dawk li jfittxu l-kenn huma partikolarment vulnerabbli u m'għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri privati tal-libertà;	6. Jitlob li l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti tingħata prijorità fiċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa ***pjuttost milli unitajiet magħluqa***, iqis li dawk li jfittxu l-kenn huma partikolarment vulnerabbli u m'għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri privati tal-libertà;

Or. en

Emenda 35
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-kenn ***u tal-immigranti*** tingħata prijorità fiċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa, iqis li dawk li jfittxu l-kenn huma partikolarment vulnerabbli u m'għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri privati tal-libertà;	6. Jitlob li l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-kenn tingħata prijorità fiċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa, iqis li dawk li jfittxu l-kenn huma partikolarment vulnerabbli u m'għandhomx ***fil-prinċipju*** *jkunu* soġġetti għall-miżuri privati tal-libertà;

Or. en

Emenda 36
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

6. Jitlob li l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti tingħata prijorità fiċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa, iqis li dawk li jfittxu l-kenn huma partikolarment vulnerabbli u m'għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri privati tal-libertà;	6. Jitlob li l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti tingħata prijorità fiċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa, iqis li dawk li jfittxu l-kenn huma partikolarment vulnerabbli***, li hija raġuni ikbar għala*** m'għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri privati tal-libertà;

Or. it

Emenda 37
Javier Moreno Sánchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti tingħata prijorità fiċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa, iqis li dawk li jfittxu l-kenn huma partikolarment vulnerabbli u m'għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri privati tal-libertà;	6. Jitlob li l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti tingħata prijorità fiċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa, ***simili għal dawk li diġà jeżistu f'ċertu Stati Membri;*** iqis li dawk li jfittxu l-kenn huma partikolarment vulnerabbli u m'għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri privati tal-libertà;

Or. fr

Emenda 38
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Ifakkar l-obbligu tal-Istati Membri li ji żguraw l-aċċess għall-proċeduri tat-talba għall-kenn;	7. Ifakkar l-obbligu tal-Istati Membri li ji żguraw ***lil dawk li jfittxu l-kenn*** l-aċċess għall-proċeduri tat-talba għall-kenn;

Or. en

Emenda 39
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 7 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex japplikaw id-Direttiva tal-Akkoljenza għal dawk kollha li jfittxu l-kenn mill-mument li fih huma jesprimu x-xewqa tagħhom biex jitolbu protezzjoni fi Stat Membru, anke jekk il-klejm tal-ażil għadha ma kinitx ippreżentata formalment;

Or. en

Emenda 40
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tfakkar lill-Istati Membri li ċaħda jew tnaqqis ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza għal raġunijiet li mhumiex inklużi fid-Direttiva tal-Akkoljenza huwa jew għandu jkun strettament projbit.

Or. en

Emenda 41
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7 c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7c. Kondizzjonijiet ta' akkoljenza bażiċi, b ħal ikel, djar u kura tas-saħħa ta' emer ġenza m'għandhom qatt ikunu miċħuda, peress li ċ-ċaħda tagħhom tista' tikser id-drittijiet fundamentali ta' dawk li jfittxu l-kenn;

Or. en

Emenda 42
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. iqis li huwa neċessarju li jinstab ekwilibriju bejn proċeduri aċċelerati, kontroll tal-arretrati u trattament ġust ta' kull każ individwali – b'mod partikolari fil-każ tal-proċeduri aċċelerati;	8. iqis li huwa neċessarju li jinstab ekwilibriju ***ġust*** bejn proċeduri aċċelerati, kontroll tal-arretrati u trattament ġust ta' kull każ individwali – b'mod partikolari fil-każ tal-proċeduri aċċelerati;

Or. it

Emenda 43
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

9. Jirrimarka li l-informazzjoni dwar il-proċeduri hija fil-parti l-kbira tagħha bil-miktub, u li l-iskadenzi huma qosra wisq, u li dan jista' jikkawża problema ta' fehim u jwassal għal tfixkil għal dawk li jfittxu l-kenn meta jkunu jridu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom biex iressqu t-talbiet tagħhom; jitlob li l-fuljetti li jispjegaw id-drittijiet kollha ta' dawk li jfittxu l-kenn ***u tal-immigranti*** jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom, f'diversi lingwi; jitlob lill-Istati Membri sabiex l-informazzjoni tkun disponibbli wkoll permezz ta' mezzi oħra, inklużi dawk orali jew televiżivi;	9. Jirrimarka li l-informazzjoni dwar il-proċeduri hija fil-parti l-kbira tagħha bil-miktub, u li l-iskadenzi huma qosra wisq, u li dan jista' jikkawża problema ta' fehim u jwassal għal tfixkil għal dawk li jfittxu l-kenn meta jkunu jridu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom biex iressqu t-talbiet tagħhom; jitlob li l-fuljetti li jispjegaw id-drittijiet kollha ta' dawk li jfittxu l-kenn jitpoġġew g ħad-dispożizzjoni tagħhom, f'diversi lingwi; jitlob lill-Istati Membri sabiex l-informazzjoni tkun disponibbli wkoll permezz ta' mezzi oħra, inklużi dawk orali jew televiżivi;
	Or. en

Emenda 44
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrimarka li l-informazzjoni dwar il-proċeduri hija fil-parti l-kbira tagħha bil-miktub, u li l-iskadenzi huma qosra wisq, u li dan jista' jikkawża problema ta' fehim u jwassal għal tfixkil għal dawk li jfittxu l-kenn meta jkunu jridu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom biex iressqu t-talbiet tagħhom; jitlob li l-fuljetti li jispjegaw id-drittijiet kollha ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom, f'diversi lingwi; jitlob lill-Istati Membri sabiex l-informazzjoni tkun disponibbli wkoll permezz ta' mezzi oħra, inklużi dawk orali jew televiżivi;	9. Jirrimarka li l-informazzjoni dwar il-proċeduri hija fil-parti l-kbira tagħha bil-miktub ***- meta jeżisti dan -*** u li l-iskadenzi huma qosra wisq, u li dan jista' jikkawża problema ta' fehim u jwassal għal tfixkil g ħal dawk li jfittxu l-kenn meta jkunu jridu je żerċitaw id-drittijiet tagħhom biex iressqu t-talbiet tagħhom; jitlob li l-fuljetti li jispjegaw id-drittijiet kollha ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti jitpoġġew g ħad-dispożizzjoni tagħhom, f'diversi lingwi; jitlob lill-Istati Membri sabiex l-informazzjoni tkun disponibbli wkoll permezz ta' mezzi oħra, inklużi dawk orali jew televiżivi ***u biex jiżguraw l-preżenza ta' medjaturi kulturali fiċ-ċentri ta' akkoljenza***;
	Or. it

Emenda 45
Frieda Brepoels

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrimarka li l-informazzjoni dwar il-proċeduri hija fil-parti l-kbira tagħha bil-miktub, u li l-iskadenzi huma qosra wisq, u li dan jista' jikkawża problema ta' fehim u jwassal għal tfixkil għal dawk li jfittxu l-kenn meta jkunu jridu jeżerċitaw id-drittjiet tagħhom biex iressqu t-talbiet tagħhom; jitlob li l-fuljetti li jispjegaw id-drittijiet kollha ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom, f'diversi lingwi; jitlob lill-Istati Membri sabiex l-informazzjoni tkun disponibbli wkoll permezz ta' mezzi oħra, inklużi dawk orali jew ***televiżivi***;	9. Jirrimarka li l-informazzjoni dwar il-proċeduri hija fil-parti l-kbira tagħha bil-miktub, u li l-iskadenzi huma qosra wisq, u li dan jista' jikkawża problema ta' fehim u jwassal għal tfixkil għal dawk li jfittxu l-kenn meta jkunu jridu jeżerċitaw id-drittjiet tagħhom biex iressqu t-talbiet tagħhom; jitlob li l-fuljetti li jispjegaw id-drittijiet kollha ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom, f'diversi lingwi; jitlob lill-Istati Membri sabiex l-informazzjoni tkun disponibbli wkoll permezz ta' mezzi oħra, inklużi dawk orali jew ***permezz tal-Internet***;

Or. nl

Emenda 46
Rareş-Lucian Niculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

9. Jirrimarka li l-informazzjoni dwar il-proċeduri hija fil-parti l-kbira tagħha bil-miktub, u li l-iskadenzi huma qosra wisq, u li dan jista' jikkawża problema ta' fehim u jwassal għal tfixkil għal dawk li jfittxu l-kenn meta jkunu jridu jeżerċitaw id-drittjiet tagħhom biex iressqu t-talbiet tagħhom; jitlob li l-fuljetti li jispjegaw id-drittijiet kollha ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom, ***f'diversi*** lingwi; jitlob lill-Istati Membri sabiex l-informazzjoni tkun disponibbli wkoll permezz ta' mezzi oħra, inklużi dawk orali jew televiżivi;	9. Jirrimarka li l-informazzjoni dwar il-proċeduri hija fil-parti l-kbira tagħha bil-miktub, u li l-iskadenzi huma qosra wisq, u li dan jista' jikkawża problema ta' fehim u jwassal għal tfixkil għal dawk li jfittxu l-kenn meta jkunu jridu jeżerċitaw id-drittjiet tagħhom biex iressqu t-talbiet tagħhom; jitlob li l-fuljetti li jispjegaw id-drittijiet kollha ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom, ***bil-***lingwi ***internazzjonali ewlenin u bil-lingwi mitkellma minn numru sinifikanti ta' dawk li jfittxu l-kenn u l-immigranti fl-Istat Membru kkonċernat***; jitlob lill-Istati Membri sabiex l-informazzjoni tkun disponibbli wkoll permezz ta' mezzi oħra, inklużi dawk orali jew televiżivi;
	Or. ro

Emenda 47
Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward in-nuqqas ta' interpreti matul laqgħat uffiċjali; jitlob minnufih li l-Istati Membri jiżguraw servizz ta' interpretazzjoni pubbliku u bla ħlas, jekk hemm bżonn anki telefonikament;	10. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward in-nuqqas ta' interpreti ***f'xi uħud miċ-ċentri miżjura*** matul laqgħat uffiċjali; jitlob minnufih li l-Istati Membri jiżguraw servizz ta' interpretazzjoni pubbliku u bla ħlas, jekk hemm bżonn anki telefonikament;
	Or. es

Emenda 48
Jean Lambert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward in-nuqqas ta' interpreti matul laqgħat uffiċjali; jitlob minnufih li l-Istati Membri jiżguraw servizz ta' interpretazzjoni pubbliku u bla ħlas, jekk hemm bżonn anki telefonikament;	10. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward in-nuqqas ta' interpreti ***mħarrġa b'mod adegwat*** matul laqgħat uffiċjali; jitlob minnufih li l-Istati Membri jiżguraw servizz ta' interpretazzjoni pubbliku u bla ħlas, jekk hemm bżonn anki telefonikament;

Or. en

Emenda 49
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward in-nuqqas ta' interpreti matul laqgħat uffiċjali; jitlob minnufih li l-Istati Membri jiżguraw servizz ta' interpretazzjoni pubbliku u bla ħlas, jekk hemm bżonn anki telefonikament;	10. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward in-nuqqas ta' interpreti matul laqgħat uffiċjali; jitlob minnufih li l-Istati Membri jiżguraw servizz ta' interpretazzjoni pubbliku u bla ħlas, jekk hemm bżonn anki telefonikament ***jew permezz tal-Internet***;

Or. en

Emenda 50
Rareş-Lucian Niculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

10. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward in-nuqqas ta' interpreti matul laqgħat uffiċjali; jitlob minnufih li l-Istati Membri jiżguraw servizz ta' interpretazzjoni pubbliku u bla ħlas, jekk hemm bżonn anki telefonikament;	10. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward in-nuqqas ta' interpreti matul laqgħat uffiċjali; jitlob minnufih li l-Istati Membri jiżguraw servizz ta' interpretazzjoni pubbliku u bla ħlas, ***bil-lingwi internazzjonali ewlenin u bil-lingwi mitkellma minn numru sinifikanti ta' dawk li jfitxxu l-kenn u l-immigranti fl-Istat Membru kkonċernat,*** jekk hemm bżonn anki telefonikament;

Or. ro

Emenda 51
Javier Moreno Sánchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward in-nuqqas ta' interpreti matul laqgħat uffiċjali; jitlob minnufih li l-Istati Membri jiżguraw servizz ta' interpretazzjoni pubbliku u bla ħlas, jekk hemm bżonn anki telefonikament;	10. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward in-nuqqas ***frekwenti*** ta' interpreti matul laqgħat uffiċjali; jitlob minnufih li l-Istati Membri jiżguraw servizz ta' interpretazzjoni pubbliku u bla ħlas, jekk hemm bżonn anki telefonikament;

Or. fr

Emenda 52
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jitolbu l-assistenza finanzjarja tal-Fondi Ewropej g ħar-rifuġjati sabiex itejbu l-aċċess għall-informazzjoni u b'mod partikolari sabiex i żidu n-numru tal-lingwi li fihom tkun disponibbli l-informazzjoni jew l-appoġġ tagħhom;	11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jitolbu l-assistenza finanzjarja tal-Fondi Ewropej g ħar-rifuġjati ***- l-ispejjeż li jirriżultaw minn dan huma kondiviżi b'mod xieraq bejn l-Istati Membri -*** sabiex itejbu l-aċċess għall-informazzjoni u b'mod partikolari sabiex i żidu n-numru tal-lingwi li fihom tkun disponibbli l-informazzjoni jew l-appoġġ tagħhom;
	Or. en

Emenda 53
Rareş-Lucian Niculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jitolbu l-assistenza finanzjarja tal-Fondi Ewropej g ħar-rifuġjati sabiex itejbu l-aċċess għall-informazzjoni u b'mod partikolari sabiex i żidu n-numru tal-lingwi li fihom tkun disponibbli l-informazzjoni jew l-appoġġ tagħhom;	11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jitolbu l-assistenza finanzjarja tal-Fondi Ewropej g ħar-rifuġjati sabiex itejbu l-aċċess għall-informazzjoni u b'mod partikolari sabiex i żidu n-numru tal-lingwi li fihom tkun disponibbli l-informazzjoni jew l-appoġġ tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni biex tibgħat l-informazzjoni tal-Istati Membri dwar l-istrumenti finanzjarji disponibbli għal dak l-iskop u dwar l-aħjar prattiċi kurrenti rigward l-użu tagħhom;***
	Or. ro

Emenda 54
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

12. Jiddispjaċieh li l-aċċess għal assistenza ġuridika bla ħlas jidher li hu ristrett għal dawk li jfittxu l-kenn ***u għall-immigranti*** u li kultant hija limitata għal numru ta' avukati, b'konsegwenza li l-persuni li ma jkollhomx mezzi finanzjarji suffiċjenti jibqg ħu mingħajr assistenza;	12. Jiddispjaċieh li l-aċċess għal assistenza ġuridika bla ħlas jidher li hu ristrett għal dawk li jfittxu l-kenn u li kultant hija limitata għal numru ta' avukati, b'konsegwenza li l-persuni li ma jkollhomx mezzi finanzjarji suffiċjenti jibqgħu ming ħajr assistenza;

Or. en

Emenda 55
Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjonifor a resolution	*Emenda*
12. Jiddispjaċieh li l-aċċess għal assistenza ġuridika bla ħlas jidher li hu ristrett għal dawk li jfittxu l-kenn u għall-immigranti u li kultant hija limitata għal numru ta' avukati, b'konsegwenza li l-persuni li ma jkollhomx mezzi finanzjarji suffiċjenti jibqgħu ming ħajr assistenza;	12. Jiddispjaċieh li l-aċċess għal assistenza ġuridika bla ħlas jidher li hu ristrett għal dawk li jfittxu l-kenn u għall-immigranti ***illegali detenuti*** u li kultant hija limitata g ħal numru ta' avukati, b'konsegwenza li l-persuni li ma jkollhomx mezzi finanzjarji suffiċjenti jibqgħu mingħajr assistenza;

Or. es

Emenda 56
Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar li huwa partikolarment diffiċli li tinsab assistenza ġuridika adegwata ***għall-persuni detenuti***, meta titqies id-diffikultà li wieħed isib biex jikkomunika mad-dinja esterna;	13. Ifakkar li huwa partikolarment diffiċli li tinsab assistenza ġuridika adegwata ***għad-detenuti***, meta titqies id-diffikultà li wieħed isib biex jikkomunika mad-dinja esterna;

Or. es

Emenda 57
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar li huwa partikolarment diffiċli li tinsab assistenza ġuridika adegwata għall-persuni detenuti, meta titqies id-diffikultà li wieħed isib biex jikkomunika mad-dinja esterna;	13. Ifakkar li huwa partikolarment diffiċli li tinsab assistenza ġuridika adegwata għall-persuni detenuti, meta titqies id-diffikultà li wieħed isib biex jikkomunika mad-dinja esterna ***u n-natura speċifika tal-leġi żlazzjoni relevanti***;

Or. it

Emenda 58
Rareş-Lucian Niculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li l-kontinwità tal-aċċess għall-***avukati*** ssir iżjed diffiċli hekk kif id-detenuti jintbagħtu minn ċentru ta' akkoljenza jew ta' detenzjoni għall-ieħor;	14. Josserva li l-kontinwità tal-aċċess għall-***assistenza legali*** ssir iżjed diffiċli hekk kif id-detenuti jintbagħtu minn ċentru ta' akkoljenza jew ta' detenzjoni għall-ieħor;

Or. ro

Emenda 59
Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

14. Josserva li l-kontinwità tal-aċċess għall-avukati ssir iżjed diffiċli hekk kif id-detenuti jintbagħtu minn ċentru ta' akkoljenza jew ta' detenzjoni għall-ieħor;	14. Josserva li l-kontinwità tal-aċċess għall-avukati ssir iżjed diffiċli hekk kif id-detenuti jintbagħtu minn ċentru ***amministrativi*** ta' akkoljenza jew ta' detenzjoni għall-ieħor;

Or. es

Emenda 60
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li l-kontinwità tal-aċċess għall-avukati ssir iżjed diffiċli hekk kif ***id-detenuti*** jintbagħtu minn ċentru ta' akkoljenza ***jew*** ta' detenzjoni għall-ieħor;	14. Josserva li l-kontinwità tal-aċċess għall-avukati ssir iżjed diffiċli hekk kif ***dawk li jfittxu l-kenn*** jintbagħtu minn ċentru ta' akkoljenza ***u/jew*** ta' detenzjoni għall-ieħor;

Or. en

Emenda 61
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex ***jiggarantixxu assistenza ġuridika pubblika bla ħlas u effettiva għal dawk kollha li jfittxu l-kenn u għall-immigranti***;	16. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex ***ji żguraw aċċess għal assistenza legali u/jew rappreżentazzjoni bla ħlas f'każijiet fejn min qed ifittex il-kenn ma jistax iħallas l-ispejjeż involuti***;

Or. en

Emenda 62
Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Iħeġġeġ ***lill-***Istati Membri sabiex jiggarantixxu assistenza ġuridika pubblika bla ħlas u effettiva għal dawk ***kollha*** li jfittxu l-kenn u għall-immigranti;	16. Iħeġġeġ ***lil dawk l-***Istati Membri ***li g ħadhom ma jagħmlux dan*** sabiex jiggarantixxu assistenza ġuridika pubblika bla ħlas u effettiva ***kemm*** għal dawk li jfittxu l-kenn u ***kif ukoll*** għall-immigranti ***illegali detenuti***;

Or. es

Emenda 63
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jiddispjaċieh li fil-maġġoranza taċ-ċentri ta' detenzjoni li żar, dawk li jfittxu l-kenn ***u l-immigranti*** jilmentaw b'mod sistematiku dwar l-insuffiċjenza u l-inadegwatezza tal-kura medika, dwar id-diffikultajiet biex jarawhom it-tobba jew biex jikkomunikaw magħhom, dwar in-nuqqas ta' kuri speċifiċi (b'mod partikolari għan-nisa tqal, vittmi ta' torturi) u dwar il-mediċini;	17. Jiddispjaċieh li fil-maġġoranza taċ-ċentri ta' detenzjoni li żar, dawk li jfittxu l-kenn jilmentaw b'mod sistematiku dwar l-insuffiċjenza u l-inadegwatezza tal-kura medika, dwar id-diffikultajiet biex jarawhom it-tobba jew biex jikkomunikaw magħhom, dwar in-nuqqas ta' kuri speċifiċi (b'mod partikolari għan-nisa tqal, vittmi ta' torturi) u dwar il-mediċini;

Or. en

Emenda 64
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

17. Jiddispjaċieh li fil-maġġoranza taċ-ċentri ta' detenzjoni li żar, dawk li jfittxu l-kenn u l-immigranti jilmentaw b'mod sistematiku dwar l-insuffiċjenza u l-inadegwatezza tal-kura medika, dwar id-diffikultajiet biex jarawhom it-tobba jew biex jikkomunikaw magħhom, dwar in-nuqqas ta' kuri speċifiċi (b'mod partikolari għan-nisa tqal, vittmi ta' torturi) u dwar il-mediċini;	17. Jiddispjaċieh li fil-maġġoranza taċ-ċentri ta' detenzjoni li żar, dawk li jfittxu l-kenn u l-immigranti jilmentaw b'mod sistematiku dwar l-insuffiċjenza u l-inadegwatezza tal-kura medika, dwar id-diffikultajiet biex jarawhom it-tobba jew biex jikkomunikaw magħhom, dwar in-nuqqas ta' kuri speċifiċi (b'mod partikolari għan-nisa tqal, vittmi ta' torturi) u dwar il-mediċini ***approprjati***;
	Or. it

Emenda 65
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
